**– AMMISSJONI TAL-KONVENUT TAT-TALBA ATTRICI –**
**– *CONFESSIO EST REGINA PROBATIONUM* –**
**– *PROBATIO PROBATISSIMA* –**
**– *CONFESSIO FACTA IN JUDICIO OMNI PROBATIONE MAJOR EST* –**
**– AMMISSJONI TAL-KONVENUT HI PERSONALI U MA TORBOTX LIL TERZI –**

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar it-Tlieta, 18 ta' Jannar, 2022**

Avviz tat-Talba numru: **326/2019**

**OZOPROPERTY LIMITED**
[REG. NRU. C-76991]

***VERSUS***

**CARMEL GAUCI** [K.I. NRU. 298470M] **U B'DIGRIET MOGHTI FIS-27 TA' NOVEMBRU, 2020, GIET KJAMATA IN KAWZA SILVANA GAUCI** [K.I. NRU. 186274M]

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar l-24 ta' Ottubru, 2019 mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet dan:

> Illi l-konvenut, sid l-appartament numru 7, formanti parti mill-condominium Sorriso Flats, Triq it-Turisti, Bugibba, huwa debitur tas-socjetà attrici, fil-kwalità taghha premessa, fis-somma ta' elf, mija u erbgha u sebghin ewro u centezmu (€1,174.01c) rapprezentanti:
>
> - In kwantu ghal €336; il-kontribuzzjoni dovuta mill-konvenut li tkopri l-perjodu tas-sena 2016-2017.
> - In kwantu ghal €300; il-kontribuzzjoni dovuta mill-konvenut li tkopri l-perjodu tas-sena 2018-2019.
> - In kwantu ghal €419; il-kontribuzzjoni dovuta mill-konvenut li tkopri l-perjodu tas-sena 2019-2020.
> - In kwantu ghal €36.19c; is-sehem dovut mill-konvenut ghall-installazzjoni ta' *auto dialer*.
> - In kwantu ghal €46.82c; is-sehem dovut mill-konvenut mill-kont tad-dawl.
> - In kwantu ghal €36; is-sehem dovut mill-konvenut ghall-ispejjez legali li gew inkorsi mill-blokka.
>
> Illi l-kontribuzzjonijiet imsemmija huma kollha abbazi tad-decizjonijiet mehuda waqt il-laqgha tas-sidien tal-condominium Sorriso Flats, Triq it-Turisti, Bugibba.

Illi l-konvenut gie interpellat bosta drabi sabiex ihallas izda baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali numru 1134/2019, u bl-interessi mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Il-konvenut Carmel Gauci ressaq Risposta fit-28 ta' Frar, 2020 illi permezz taghha eccepixxa hekk:

1. Ili in linea preliminari l-irritwalità ta' din il-procedura in kwantu l-eccipjenti m'huwiex l-uniku sid tal-proprjetà in mertu u ghalhekk ghandha tigi kjamata in kawza Silvana Gauci.

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju, l-attur irid igib prova tal-inkarigu li hu qed jallega li jgawdi.

3. Illi fil-mertu t-talba attrici hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt u l-ammont mitlub mhux dovut.

Bl-ispejjez kontra s-socjetà attrici minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Fl-udjenza tas-27 ta' Novembru, 2020 kien gie registrat, *inter alia*, dan il-verbal: "*Dr. Noel Bartolo, ghall-Konvenut, b'referenza ghall-ewwel eccezzjoni tal-istess, formalment jitlob is-sejha fil-kawza ta' Silvana Gauci (mart il-Konvenut) illi nonostante illi llum-il gurnata ghaddejjin proceduri ta' separazzjoni, il-komunjoni tal-akkwisti ghadha vigenti bejniethom u ghaldaqstant jehtieg illi din tissejjah fil-kawza biex il-procediment ikun integru u dan in vista tal-fatt ukoll illi mart il-Konvenut tippossjedi sehem indiviz mill-proprjeta' mertu tal-proceduri. Dr. Tracy Cauchi* [ghall-Attrici] *ma toggezzjonax ghal tali sejha.*" Ghalhekk, fid-dawl ta' tali talba u tan-nuqqas ta' oggezzjoni tal-parti attrici, dan it-tribunal laqa' t-talba ghas-sejha fil-kawza ta' Silvana Gauci f'dan il-procediment. It-Tribunal kien, ghalhekk, ordna li ssir in-notifika relattiva tal-kjamata in kawza, Silvana Gauci.

Ghalkemm in-notifika ta' l-imsejjha fil-kawza sehhet fis-6 ta' April, 2021 (ara *a tergo* ta' *fol*. 29 u *pink card* relattiva mehmuza ma' l-istess *folio*), l-istess Silvana Gauci baqghet ma ressqitx Risposta b'eccezzjonijiet f'din il-kawza. Infatti, fl-udjenza successive ghan-notifika taghha, dik tas-26 ta' Mejju, 2021 gie verbalizzat, *inter alia*, hekk: "*It-Tribunal ha konjizzjoni tal-atti u minnhom jirrizulta illi l-kjamata in kawza Silvana Gauci giet notifikata bl-atti processwali relattivi fis-6 ta' April, 2021 u nonostante li giet imsejha diversi drabi, din baqghet ma dehritx f'din l-udjenza. Jirrizulta ukoll illi ghalkemm debitament notifikata, l-istess Silvana Gauci naqset milli tipprezenta Risposta fit-terminu li trid u tghid il-Ligi (Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta). In vista ta' tali nuqqas, kemm formali ta' Risposta u kif ukoll fiziku ta' dehera f'din l-udjenza, itTribunal jiddikjara lill-kjamata in kawza Silvana Gauci fi stat ta' kontumacja hekk kif previst fiddispozizzjonijiet relattivi tal-Kap.380.*" (*a fol*. 30)

Ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa;

Ra l-atti processwali kollha;

It-Tribunal jikkunsidra;

Ghal dak li jikkoncerna l-kjamata fil-kawza Silvana Gauci, it-Tribunal ghandu is-segwenti osservazzjonijiet xi jwettaq.

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda*."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis*."

Minn qari ta' din ic-citata disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma' lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Fil-kaz prezenti, u hekk kif registrat fl-udjenza tas-26 ta' Mejju, 2021 (*a fol*. 30), din il-konvenuta, debitament notifikata bl-atti processwali relattivi, giet dikjarata fi stat ta' kontumacja skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, peress li la ressqet Risposta fiz-zmien li kienet tghid u trid il-Ligi u lanqas ma rregistrat dehera fl-udjenza li kienet tmiss wara n-notifika lilha ta' l-atti processwali.

Madanakollu, ghalkemm kontumaci, tali stat silenzjuz[1] ma jfissirx li din il-parti konvenuta (i.e., Silvana Gauci) qed tammetti dak allegat u/jew pretiz mill-parti attrici, l'ghaliex xorta wahda jibqa' d-dmir ta' din l-ahhar parti li tipprova l-kaz taghha sa' dak il-grad probatorju rikjest mil-Ligi. Fid-duttrina forensi nsibu ritenut illi, "*la contumacia vale resistenza, che il contumace tacitamente respinge le domande dello avversario ... il contumace affida al giudice la propria difesa ... questa difesa deve limitarsi ad esaminare se le forme del rito sian rispettate, se l'assunto della parte presente sia fondato in fatto ed in diritto*" (**SALVATORE LA ROSA**, "Il Contumace nel Giudizio Civile", Filippo Tropea ed. 1887; §118, p. 175). Mil-lat ta' gurisprudenza domestika, wiehed huwa mistieden jara *in re* **Giuseppe Gerada v. Salvu Attard** (Appell Kummercjali, 6 ta' Novembru, 1959);[2] id-decizjoni riportata f'*Kollez*. **Vol XXIX-III-35**;[3] il-kawza *in re* **Id-Direttur tar-Registru Pubbliku v. Ermelina Silos Mendoza et** (Prim'Awla, 16 ta'

---

[1] Dwar it-tema tas-skiet guridiku wiehed hu dirett jara s-sentenza *in re* **Emanuel Esposito v. Carmelo Mugliett** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 9 ta' Jannar, 2019; mhux appellata), b'siltiet mid-duttrina u mill-gurisprudenza lokali dwar il-materja. Tali insenjamenti gew imhaddna mill_prim'Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni *in re* **Grace Borg v. Edward Basile et** moghtija fid-19 ta' Jannar, 2021.

[2] Fiha nsibu ritenut hekk: "*Ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci, dan ma jaghtix lok ghall-prezunzjoni ta' abbandun tal-liti, ghad-difett ta' eccezzjonijiet legittimi, jew ghal adezjoni ghad-domanda; imma, inveci, ghas-suppozizzjoni ta' rimessjoni ghall-gustizzja tat-tribunal*."

[3] Fiha inghad hekk: "*ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dana ma jfissirx illi huwa abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domandi. Il-gudikant ghandu jezamina jekk it-talba hiex gustifikata indipendentement mill-kontumacja tal-konvenuti.*"

Novembru, 2010);[4] id-decizjoni *in re* **Carmela Zahra armla v. Direttur tax-Xogholijiet Pubblici** (Appell Superjuri, 28 ta' Frar, 1975; mhux pubblikata); u *in re* **Awtoritá Ghat-Trasport F'Malta v. Abdi Khadar Qaasim** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 6 ta' Novembru, 2017; mhux appellata) li fiha insenjamenti ulterjuri dwar dan is-suggett. Ghalhekk, il-posizzjoni guridika tal-parti mharrka f'dan il-procediment hi meqjusa bhala cahda totali u kategorika ta' l-allegazzjonijiet kollha vantati kontriha, li jehtiegu jigu debitament pruvati kif imiss.

Il-parti attrici ma ressqitx provi f'dan il-procediment gudizzjarju u dan sehh minhabba l-izvolta li l-istess ha fl-udjenza tat-12 ta' Ottubru, 2021.

Fl-appena imsemmija udjenza gie registrat hekk: "*Deher il-Konvenut mhux assistit illi gharraf lit-Tribunal illi l-avukat li qabel kien jippatrocinah, illum-il gurnata gie elevat ghall-Magistratura, u li fil-prezent m'ghandux avukat difensur inkarigat biex jirrapprezentah f'din il-kawza. L-istess Konvenut, minn rajh, gharraf lit-Tribunal illi mhux behsiebu jinkariga avukat iehor f'dawn il-proceduri u li hu jixtieq jiddikjara illi jaghzel li jhallas l-ammont mitlub f'dawn il-porceduri (ossija EUR1,174.01), u dan sabiex il-kwistjoni tieqaf u tinghalaq hawnhekk. It-Tribunal gharraf lill-Konvenut bil-jedd tieghu illi jinkariga avukat sabiex jitharsu l-interessi tieghu f'din il-kawza u, wara li l-Konvenut rega' tenna x-xewqa tieghu li jhallas is-sorte, it-Tribunal gibed l-attenzjoni tal-Konvenut bil-konsegwenzi kollha li ggib maghha ammissjoni ta' talba f'kawza bhal dik li jixtieq jirregistra l-istess Konvenut, inkluz dwar il-kap ta' l-ispejjez. Il-Konvenut Carmel Gauci, anke wara tali spjegazzjoni u taghrif moghtija seduta stante mit-Tribunal, jaghzel illi jammetti t-talba attrici u jhallas is-sorte domandat f'dawn il-proceduri*." (*a fol*. 32) Dakinhar il-procediment thalla ghal data ohra sabiex l-attrici tirregola l-posizzjoni taghha fid-dawl ta' dak dikjarat mill-konvenut Carmel Gauci.

Fl-udjenza successiva, dik tat-2 ta' Novembru, 2021, il-verbal jaqra hekk: "*Il-Konvenut gharraf lit-Tribunal illi fil-mori tad-dfferiment avvicina lis-Socjeta' Attrici sabiex, skond dak registrat fil-verbal tal-udjenza precedenti, hu jwettaq il-hlas ta' EUR1,174.01, izda tali pagament ma giex accettat mill-Attrici. Dr. Tracy Cauchi, ghall-Attrici gharrfet lit-Tribunal illi l-imsemmi hlas, safejn hi tinsab nfurmata, ma giex accettat peress illi fih ma kienx hemm ukoll inkluz u/jew mizjuda l-ispejjez gudizzjarji u drittijiet professjonali marbuta mal-prezenti proceduri. Seduta stante, it-Tribunal ghadda lill-Konvenut kopja ta' taxxa ufficjali marbuta ma' dawn il-proceduri (li kopja taghha kienet tinsab fil-process ta' din il-kawza), u dan sabiex l-istess Konvenut ikun debitament mgharraf bl-ispejjez involuti. Dr. Tracy Cauchi, ghall-Attrici titlob aggornament ta' din il-kawza sabiex fil-mori tad-differiment isiru l-arrangamenti mehtiega bejn il-partijiet bil-ghan illi l-kwistjoni tirrisolva ruhha b'mod definittiv*." (a fol. 34) Dakinhar il-procediment rega' thalla ghal data ohra ghar-ragunijiet appena deskritti.

Fl-udjenza sussegwenti, dik datata l-10 ta' Dicembru, 2021, gie registrat hekk:"*It-Tribunal sema' lil Dr. Tracy Cauci [ghall-Attrici] u lill-Konvenut li gharrfuh illi l-kwistjoni deskritta fil-verbal tal-udjenza tat-12 ta' Ottubru, 2021 (fol.32 u fol.33) u dik replikata fil-verbal tal-udjenza tat-2 ta' Novembru, 2021 baqghet mhix rizolta peress li m'hemmx qbil li l-ispejjez u l-imghaxijiet marbuta mas-sorte ammess jigu saldati*

[4] F'din id-decizjoni inghad li l-parti li tkun kontumaci "*titqies li halliet ix-xorti taghha f'idejn il-Qorti biex taghmel haqq ghall-kaz taghha*."

*wkoll da parti tal-konvenut. Il-Konvenut Carmel Gauci – wara li t-Tribunal spjegalu s-sitwazzjoni u fakkru ghal diversi drabi dwar l-implikazzjonijiet ta' l-ammissjoni tieghu registrata f'udjenzi precedenti ghal dik tal-lum – jerga' jtenni l-posizzjoni tieghu illi huwa jixtieq u jrid ihallas biss l-ammont ta' EUR1,174.01 rapprezentanti s-sorte ta' dan il-kaz u xejn aktar, u dan peress illi l-istess konvenut jikkontendi illi dak biss hu s-sehem tieghu dovut lill-Attrici*." (*a fol*. 36) Dakinhar – u fuq talba tad-difensur ta' l-attrici – il-procediment thalla ghas-sentenza, illi qed tinghata llum.

It-Tribunal jikkunsidra;

Kif intwera hawn fuq, il-konvenut irregistra ammissjoni tat-talba attrici. Tali ammissjoni gie ripetuta f'diversi udjenzi quddiem dan it-Tribunal u anke replikata wara li t-Tribunal kien gharraf lill-istess konvenut bl-implikazzjonijiet ta' konfessjoni bhal dik minnu mixtieqa. In vista ta' tali ammissjoni, il-gbir ta' provi ma ssoktax fil-konfront ta' dan il-konvenut u dan ghar-ragunijiet li sejrin isegwu *infra*.

Hu principju antik illi "confessio est regina probationum"[5], cioè li l-ammissjoni hija l-aqwa forma t'evidenza li parti tista' tressaq ("probatio probatissima"[6]).

Hu dottrinalment rilevat illi l-konfessjoni, "*è la dichiarazione che una parte fa della verità di fatti ad essa sfavorevoli e favorevoli all'altra parte*",[7] ossia hi "*dichiarazione libera di verità contra se, resa al destinatario, e in tal senso si tratta senz'altro di atto giuridico non negoziale.*"[8] L-effetti probatorji taghha huma indiskussi u cioè, "*al pari di qualsiasi altra prova legale, produce effetti sul piano processuale in quanto sulla sua base il giudice non può che porre come vero il fatto confessato, benché sia innegabile la sua natura sostanziale*"[9] u l-konfessjonijiet tal-partijiet, "*a differenza delle prove libere, vincolano la pronuncia del giudice e determinano in modo prestabilito ed univoco la posizione dei fatti influenti sulle situazioni giuridiche sostanziali*."[10] Biex ikollha tali effett probatorju, l-ammissjoni "*deve constare di un element soggettivo, consistente nella consapevolezza e volontà di ammettere e riconoscere la verità di un fatto a sé sfavorevole e favorevole all'altra parte, e di un elemento oggettivo, consistente nell'ammissione del fatto obiettivo che forma oggetto della confessione da cui deriva un concreto pregiudizio all'interesse dell'dichiarante e al contempo un corrispondente vantaggio nei confronti del destinatario della dichiarazione*."[11] Ghal kull bwon fini, u in aggjunta ma' dak hawnhekk rilevat, wiehed huwa mistieden jara s-sentenza ta' dan it-Tribunal, diversament presedut, *in re* **Falzon's Bathrooms and Ceramics Limited v. Lara**

---

[5] Dwar dan il-principju ara, *inter alia*, **Carmelo Bonnici noe v. Ronald Farrugia et** (Appell Superjuri, 26 ta' Ottubru, 1970; mhux pubblikata); **Massimo Vella v. V. Petroni (Imports) Ltd** (Appell Inferjuri, 28 ta' Novembru, 2007); **Galscer & Bilom Ltd v. Anthony Azzopardi** (Appell Inferjuri, 22 ta' Mejju, 2009); u **APS Bank Ltd v. Francis Xavier Micallef** (Appell Inferjuri, 7 ta' Lulju, 2010).

[6] Dwar dan ara "Massime, Enunciazioni e Formule Giuridiche Latine" (Hoepli 1993) ta' **UMBERTO ALBANESE**, f'pagna 295. Ara wkoll "Il Latino In Tribunale: Dizionario dei Broccardi e Termini Latini" ta' **FEDERICO DEL GIUDICE** (Simone ed. IV, 2011), f'pagna 260 fejn hemm maghdud, *inter alia*, li, "*Con il termine probatio probatissima si è soliti fare riferimento alla confessione che è il mezzo probatorio per eccellenza*."

[7] **GIORGIO BIANCHI**, "LA Prova Civile" (CEDAM, ed. 2009; p. 233).

[8] **ALESSANDRO IACOBONI**, "Prova Legale e Libero Convincimento del Giudice" (Giuffrè, ed. 2006; §3.3.1., p. 54).

[9] *ibid*.

[10] *ibid*.

[11] **GIORGIO BIANCHI** (*op. cit*., p. 233).

**Developments Ltd** moghtija fil-15 ta' Dicembru, 2021 li tikkontejeni senjalazzjonijiet mill-gurisprudenza u mid-duttrina legali ulterjuri.

L-Art. 632(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jghid li, "*Kull dikjarazzjoni magħmula mill-parti kontra tagħha nfisha, u kull kitba oħra li jkun fiha konfessjonijiet, konvenzjonijiet jew obbligi, jistgħu jinġiebu bi prova*" u l-Art. 693 ta' l-istess Kapitolu jipprovdi illi, "*Kull ammissjoni ta' fatt, sew bil-miktub kemm bil-fomm, magħmula fil-qorti kemm barra mill-qorti, tista' tittieħed bħala prova kontra l-parti li tagħmilha*." *Ergo*, l-ammissjoni f'udjenza bil-miftuh tal-konvenut tissodisfa l-ghanijiet ta' dawn ic-citati zewg disposizzjonijiet.

L-ammissjoni (jew konfessjoni) da parti tal-konvenut Carmel Gauci f'dan il-kaz ma kinitx wahda li rrizultat minn xi dokument jew minn xi inferenza li wiehed jista' jislet mill-provi migjuba mill-partijiet, izda kienet wahda sottomessa u moghtija volontarjament, u b'mod ripetut, hekk kif muri aktar 'il fuq f'din id-decizjoni b'kaptazzjoni mill-verbali relattivi ta' diversi udjenzi quddiem dan it-Tribunal.

Ghalhekk, hekk kif tghid il-massima Latina, "confessio facta in judicio omni probatione major est"[12] (li tfisser illi ammissjoni maghmula fi procediment gudizzjarju, jew formalment waqt xi proceduri ohra ta' indole gudizzjarja jew kwazi-gudizzjarja), ammissjoni/konfessjoni ghandha aktar forza u qawwa minn kwalsiasi evidenza ohra. Infatti, nsibu ritenut illi, "*Se resa in giudizio essa vincola il giudice, il quale dovrà ritenere raggiunta la prova in ordine alla veradicità dei fatti ammessi, traendone ogni conseguenza in sede di decisione della causa*."[13]

In vista ta' l-imsemmija ammissjoni tal-konvenut, registrata formalment kif fuq appena mfisser, dan it-Tribunal m'ghandux triq ohra ghajr li jiddikjara lill-istess konvenut bhala debitur tal-kumpannija attrici u, bhala korollarju naturali, li l-konvenut hu tenut ihallas lill-istess attrici l-ammont ta' elf, mija u erbgha u sebghin ewro u centezmu (€1,174.01c). Addizzjonalment, tali ammissjoni tattira wkoll l-obbligu fuq il-konvenut Carmel Gauci li jindennizza lill-kumpannija attrici l-ispejjez gudizzjarji ta' dawn il-proceduri, inkluz dawk accessorji ghalihom kif domandat fl-Avviz tat-Talba u kif ukoll il-hlas ta' l-interessi fuq l-ammont ta' sorte, li f'dan il-kaz – peress li ma ngabux provi dwar d-dekorriment ta' l-interessi minn data ohra preciza, antecedenti ghall-dawn il-proceduri – ghandu jibda' jiddekorri mill-24 ta' Ottubru, 2019.

Ghal dak li jikkoncerna l-imsejjha fil-kawza, Silvana Gauci, li baqghet kontumaci, it-talba attrici fil-konfront taghha ma qedx tintlaqa' peress li l-istess attrici baqghet ma tantx sustanza lill-pretiza taghha fil-konfront ta' l-istess kjamata in kawza. L-istat kontumacjali tal-kjamata in kawza Silvana Gauci, kif fuq diga' inghad, hu ekwiparat ghal kontestazzjoni ta' dak allegat u ta' dak pretiz. *Ergo*, kien dejjem mistenni li fil-konfront tal-kjamata in kawza Silvana Gauci l-azzjoni mressqa mill-kumpannija attrici tigi debitament pruvata sal-grad rikjest fil-ligi. Fin-nuqqas, l-istess kjamata in kawza trid tigi liberata *ab observantia iudicii*.

Ikollu jigi rimarkat illi l-ammissjoni registrata mill-konvenut Carmel Gauci ma tistax testendi u tapplika wkoll fil-konfront tal-kjamata in kawza peress li, fic-cirkostanzi, din

[12] Dwar dan ara "Trayner's Latin Maxims" (Sweet & Maxwell, 4th edition, 1993) pp. 92–93.
[13] Ara "Il Latino In Tribunale: Dizionario dei Broccardi e Termini Latini" ta' **Federico del Giudice** (Simone ed. IV, 2011) pagna 67.

hija attività processwali personali ghall-konvenut u, bhala tali, ma tistax tippregudika jew tibbenefika lil terzi, partecipanti *o meno* fil-process gudizzjarju. Dan huwa implicitu skond ic-citat Art. 693 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jaghlaq il-principju fih kodifikat bil-kliem: "*kontra l-parti li tagħmilha*." Madanakollu, hekk kif ser jigi rifless fil-parti dispozittiva ta' din id-decizjoni,[14] kwalsiasi jedd ta' rivalsa, dejjem jekk dan hu ezistenti, kontra l-kjamata in kawza Silvana Gauci qed jigi, ghal kull bwon fini, rizervat lill-istess konvenut Carmel Gauci.

**GHALDAQSTANT**, it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi, ghall-motivi imfissra fil-prezenti sentenza, filwaqt li jinsab jillibera mill-osservanza tal-gudizzju lill-imsejjha fil-kawza Silvana Gauci, qieghed jilqa' t-talba attrici kif dedotta kontra l-konvenut Carmel Gauci u abbazi ta' l-ammissjoni tieghu jiddikjara li l-konvenut Carmel Gauci bhala debitur tal-kumpannija attrici fl-ammont ta' elf, mija u erbgha u sebghin ewro u centezmu (€1,174.01c) u jikkundannah ihallas tali ammont lill-attrici.

L-imghax fuq tali ammont ta' €1,174.01c bir-rata ta' 8% ghandu jiddekorri mill-24 ta' Ottubru, 2019 u jieqaf mad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez tal-prezenti proceduri, inkluz dawk marbuta ma' l-ittra ufficjali numru 1134/2019, jkunu a karigu ta' l-istess konvenut Carmel Gauci.

Salv dejjem, kwlasiasi dritt jew jeddijiet tal-konvenut Carmel Gauci, jekk dawn jirrizultaw ideonei jew ezistenti, fil-konfront tal-kjamata in kawza Silvana Gauci.

***ft.* AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft.* ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*

---

[14] Jigi rilevat *obiter iudicii* illi xejn ma jzomm lil qorti jew tribunal milli jaghtu direttivi u provvedimenti kundizzjonali fid-dispositiv tas-sentenza. F'dan is-sens – kundizzjoni fid-dispozittiv ta' sentenza – wiehed hu mistieden jara **Jimmy Vella v. Il-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud** (Appell Inferjuri, 12 ta' Marzu, 2010; mhux pubblikata) fejn hemm asserit hekk: «*Huwa utli li jigi osservat bi preliminari illi l-ligi procedurali taghna ma tghidx li d-dispositiv ghandu jirrivesti xi forma sagramentali izda tiddisponi semplicement illi "kull dikjarazzjoni li l-Qorti trid li tkun deciziva jew obbligatorja, ghandha tigi mdahhla fid-dispositiv" (Artikolu 219, Kapitolu 12). Hekk ukoll jinsenja l-Laurent (Diritto Civile, Vol. XX para 34) fejn jghid illi "la legge non indica la forma nella quale devessere concepito il dispositivo ... tutto cio che si richiede si è che vi sia una sentenza, cioe un dispositivo il quale decide una controversia. In quanto alla forma, la lascia al giudice". Dan l-insenjament gie segwit mill-Qrati taghna, kif manifest fid-decizjoni fl-ismijiet "Carmela Zarb et -vs- Felice Bonnici", Prim' Awla, Qorti Civili, 12 ta' Frar, 1959. Esposta din il-preliminari, ma jidherx li fl-ordinament guridiku taghna ma humiex ammessi sentenzi kondizzjonali u fejn l-effikacja tal-kundanna tigi subordinata ghal verifika ta' event futur u incert, jew ghal xi terminu prestabilit, jew ukoll ghal xi kontro-prestazzjoni specifika. Biex wiehed jillustra b'ezempju ghal kaz fejn inkwilin ma jkunx ezegwixxa l-obbligazzjoni tieghu tal-hlas tal-kera l-Qorti tista' fil-parti decizorja tas-sentenza u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 1570(2) tal-Kapitolu 16 takkordalu zmien moderat biex jottempera ruhu. Hekk ukoll il-Qorti tista' tordna li l-kundanna ghall-hlas tkun soggetta ghat-twettiq ta' certa prestazzjoni mill-kontroparti. L-ezemplari huma bosta u sew maghrufa. Dak li hu però fundamentali f'decizjonijiet ta' dan il-generu jibqa' dejjem dak illi l-verifika tac-cirkostanza dwar liema l-Qorti tkun hekk ipprovdiet ma tkunx tirrikjedi accertamenti ulterjuri fil-mertu permezz ta' xi gudizzju gdid.*»